MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 620/2002/1

**Simonds Farsons Cisk plc.**

**-vs-**

**Charles Francica u b'digriet tat-12 ta' Jannar, 2005, Romina Claire Chetcuti assumiet l-atti tal-kawza stante l-mewt ta' missierha Charles Francica li sehhet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-30 ta' Mejju, 2002 li permezz s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi skond ftehim tat-12 ta' Jannar 1995 (Dok. A) il-konvenut kellu jbiegh il-prodotti tas-socjeta' attrici imsemmija fil-Klawsola 1 tal-istess ftehim mill-hanut Bognor Regis Bar & Restaurant, Islets Promenade,

Bugibba u in konsiderazzjoni ta’ dan is-socjeta’ attrici kellha tavvanza lill-konvenut is-somma ta’ disat elef lira (LM9000), li fil-fatt gew avvanzati lill-konvenut, liema somma kellha tigi imhallsa lura billi tigi pacuta ma’ “discounts” fuq il-prodotti tas-socjeta’ attrici kif imsemmi fl-istess skrittura;

Illi t-terminu tal-ftehim beda fl-1 ta’ Mejju 1995 u kellu jdum sa kemm l-imsemmija somma ta’ LM9000 tigi pacuta kif intqal qabel, pero’ l-konvenut kien obbligat li jissottometti kull 3 xhur l-invoices/cash sales dwar ix-xiri tal-istess prodotti;

Illi ghal habta tas-26 ta’ Settembru 2001 il-konvenut waqqaf in-negozju tieghu minn mas-socjeta’ attrici u fil-fatt lanqas il-lok minn fejn kien jiggestixxi in-negozju ma ghadu f’idejh, u ma osservax l-obbligu tieghu skond il-klawsola 6 tal-istess ftehim li jara li dan il-ftehim jigi accettat mit-terza persuna li tiehu t-tmexxija tan-negozju;

Li sad-data tas-26 ta’ Settembru 2001 il-konvenut kien lahaq paca mill-imsemmija somma ta’ LM9000, l-ammont ta’ LM1972.49c0 u ghalhekk baqa’ bilanc ta’ LM7027.51c0;

Li minhabba l-agir tal-konvenut, l-imsemmi ftehim ghandu jigi kunsidrat terminat u l-konvenut hu obbligat li jhallas lura lis-socjeta’ attrici l-imsemmi bilanc ta’ LM7027.51,0.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. Tiddikjara u tiddecidi illi minhabba l-agir tal-konvenut li ma ottemperax ruhu mal-ftehim tat-12 ta’ Jannar 1995 (Dok. A), l-istess ftehim ghandu jigi kunsidrat bhala terminat mis-26 ta’ Settembru 2001, mid-data li l-konvenut waqqaf in-negozju tieghu;

2. Tiddikjara u tiddecidi li l-konvenut huwa obbligat li jhallas lura u jirrifondu lis-socjeta’ attrici l-imsemmija

somma ta’ LM7027.51c0 dovut kif intqal fuq, bl-imghax mis-26 ta’ Settembru 2001;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru u Mandat ta’ Qbid prezentati kontestwalment kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Dr. Victoria Agius LL.D., I.D. 28174(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuta naqas li jippresenta n-nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumacji skond il-ligi.

Rat id-digriet tat-12 ta’ Jannar, 2004.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-10 ta’ Ottubru, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi s-socjeta’ attrici qed titlob dikjarazzjoni illi l-konvenut kiser il-ftehim bejn il-partijiet (Dok A) billi ma baqax jiggestixxi l-hanut li fuqu sar il-ftehim stess u ghalhekk talbet ukoll illi l-konvenut jigi kundannat ihallas il-bilanc imsemmi fic-citazzjoni.

Skond il-provi mressqa mill-istess socjeta’ attrici, senjatament id-dikjarazjoni guramentata ta’ Dr. Victoria Agius a fol 3 tal-process jirrizulta li fl-2001 il-konvenut ma baqax jiggestixxi n-negozju u kien baqghalu jhallas is-somma mitluba fic-citazzjoni. Dan ma giex kontestat mill-konvenut f’ebda hin u ghalhekk it-talba attrici timmerita li tigi milqugha.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici.**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------